MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Numru. 787/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**VINCENT RIZZO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Vincent Rizzo ta’ 66 sena, iben Carmel u Maria Assunta nee Barbieri, mwieled Hamrun fit-02/06/1946, detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 499446M u residenti gewwa 8, Triq il-Habs l-Antik, Birgu:

Gie akkuzat talli nhar it-28 ta’ Mejju 2012, ghal habta ta’ 16:30 hrs, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkaguna griehi ta’

natura gravi u permantenti fuq il-persuna ta' Wayne Callus skond kif iccertifika Dr. Stephen Spiteri MD.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li f'dan il-kaz ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 214, 216, 218 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Vincent Rizzo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Vincent Rizzo ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li

din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Vincent Rizzo jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Vincent Rizzo b’obbligazzjoni personali ta’ tmien mitt Ewro (Ewro 800) li jzomm il-kwiet ma’ Wayne Callus u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Vincent Rizzo l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------